MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2013

Rikors Numru. 816/2013

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 1208/13 fl-ismijiet:

Rita **AĠIUS**

vs

Nutar Joseph **VASSALLO AĠIUS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mill-eżekutat Nutar Joseph Vassallo Aġius fit-22 ta' Awwissu, 2013, li bih u għar-

raġunijiet hemm imfissra, talab li (i) din il-Qorti tħassar il-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) tikkundanna lill-intimata eżekutanti tħallsu penali kif maħsub fl-artikolu 836(8)(ċ) u (d) tal-istess Kodiċi; u (iii) f'każ li l-Qorti ma ssibx li għandha tilqa' t-talba tiegħu għat-tħassir tal-Mandat, timponi fuq l-eżekutanti intimata l-għoti ta' garanzija xierqa għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-istess Kodiċi bi żmien biex tagħmel dan, fin-nuqqas ta' liema garanzija mressqa f'dak iż-żmien, il-Mandat jitħassar;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Awwissu, 2013, li bih ordnat in-notifika lill-intimata eżekutanti bi żmien għan-Nota bħala tweġiba għat-talbiet tal-eżekutat;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata eżekutanti fl-10 ta' Settembru, 2013, li biha u għar-raġunijiet hemm minnha msemmijin qalet li t-talbiet tal-eżekutat ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex huma bla bażi fattwali u legali;

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-Mandat li għalih jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Minbarra dan, ir-rikorrenti eżekutat qiegħed jitlob ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-intimata eżekutanti biex tħallsu penali skond l-artikolu 836(8) u, f'każ li l-Qorti ma ssibx li hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar il-Mandat, biex torbot lill-istess eżekutanti bl-għoti ta' garanzija tajba għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-istess Kodiċi;

Illi mill-fatti ewlenin rilevanti għall-kwestjoni jirriżulta li b'sentenza *in parte* mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fit-13 ta' Lulju, 2012[1], testment ippubblikat mir-rikorrent eżekutat fid-9 ta' Ottubru, 1997 ġie dikjarat null u bla effett minħabba nuqqas ta' formalita' meħtieġa għas-siwi tiegħu. L-eżekutanti kienet il-parti mħarrka f'dik il- kawża u kienet tkun benefiċjarja ta' legat imħolli lilha fl-imsemmi testment li kieku dan kien jiswa. Fil-15 ta' Lulju, 2013, l-eżekutanti talbet u kisbet il-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra l-eżekutat għas-somma ta' ħamsa u ħamsin elf euro (€ 55,000) b'ħarsien ta' pretensjonijiet dwar danni mġarrbin minnha minħabba t-tħassir tal-imsemmi testment kif imressqin f'kawża għad-danni miftuħa minnha[2]. It-talba tagħha ntlaqgħet l-għada;

Illi n-nutar eżekutat ressaq Ċedola ta' Depożitu fit-2 ta' Awwissu, 2013[3], biex jikseb il-ħruġ tal-Kontro-Mandat. B'rikors tiegħu tas-7 ta' Awwissu, 2013, l-eżekutat talab il-ħruġ tal-Kontro-Mandat relattiv ladarba kien iddepożita taħt l-awtorita' tal-Qorti s-somma sħiħa msemmija fil-Mandat ta' Sekwestru. It-talba tiegħu ntlaqgħet u nħareġ il-Kontro-Mandat relativ[4];

Illi, madankollu, fit-12 ta' Awwissu, 2013, l-eżekutanti talbet u kisbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru ieħor kontra l-eżekutat għal kreditu pretiż ta' ħamsa u sebgħin elf euro (€ 75,000) bil-kawżali "kalkolati għal fini ta' dan il-mandat danni kif deskritti f'kawża numru 682/13JRM. Ir-rikorrenti tiddikjara li hija diġa' ottjeniet sekwestru ieħor 1039/13 għal € 55,000 liema ammont ġie indikat erronjament stante li l-pretensjoni tar-rikorrent hija ta' € 130,000 (mija u tletin elf euro)". Il-Mandat inħareġ lil ħames (5) sekwestratarji (l-istess ħames sekwestratarji li ssemmew fil-Mandat maħruġ fis-16 ta' Lulju, 2013), erbgħa minnhom banek lokali, dak inhar stess li ntalab il-

---

[1] Dok "A", f'paġġ. 12 – 8 tal-atti
[2] Rik. Nru. 682/13JRM imqiegħda għas-smigħ għat-22.10.2013
[3] Nru. 1025/13
[4] K/Mand. 1177/13 tas-7.8.2013

ħruġ tiegħu. Is-sekwestratarju l-ieħor huwa r-Reġistratur tal-Qorti;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt ta' min iżomm quddiem għajnejh li, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[5];

Illi f'dan il-każ ir-rikorrent eżekutat jibni t-talbiet tiegħu fuq żewġ (2) kawżali:

B) L-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv [Art. 836(1)(d)]. Dwar din il-kawżali, l-eżekutat jgħid li l-Mandat inħareġ b'vendikazzjoni u bla ma l-eżekutanti wriet fuq liema kejl dehrilha li kellha "tgħolli" l-pretensjoni tagħha għas-somma ta' mija u tletin elf euro (€ 130,000), wara li kienet diġà' ddikjarat b'ġurament fl-ewwel Mandat pretensjoni wisq iċken ta' ħamsa u ħamsin elf euro (€ 55,000);

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimata eżekutanti għandhiex bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk waslitx biex "tillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnha maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi

[5] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[6];

Illi, kif tajjeb jgħid ukoll l-eżekutat, il-liġi tagħti lill-parti eżekutata f'Mandat li titlob ħarsien biex il-jedd tal-kreditur ma jsirx għodda ta' abbuż tal-proċess ġudizzjarju;

Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat[7];

Illi bla ma l-Qorti tidħol biex tikkummenta fuq materja li tolqot il-mertu tal-każ, jidher ċar li l-pretensjoni tal-eżekutanti hija maħsuba li tħares dak li hija tilfet bħala benefiċjarja taħt testment li nstab li ma kienx jiswa. Hija tgħid li l-pretensjoni tagħha kienet dejjem dik u t-tieni Mandat ma nħariġx biex tinki lill-eżekutat talli seħħlu jwaqqa' l-ewwel Mandat tagħha bid-depożitu fil-Qorti tas-somma msemmija fih, iżda għaliex is-somma tal-kreditu msemmi fl-ewwel Mandat kienet "żball bi żvista" fejn il-pretensjoni tagħha ta' ħamsa u ħamsin elf lira Maltin (Lm 55,000) inftiehmet mill-avukat tagħha bħala ħamsa u ħamsin elf euro (€ 55,000). Minbarra dan, fl-istess kawża li nfetħet kontra tagħha biex twaqqa' t-testment, illum il-ġurnata hija tinsab imfittxija wkoll għall-ħlas tad-danni;

Illi kieku l-intimata eżekutanti waqfet hawn, din il-Qorti kienet tasal biex taqbel mal-eżekutat li mġiba bħal din – l-aktar meta pretensjoni "żbaljata" tkun imressqa taħt ġurament, bħalma ġara fil-każ tal-Mandat maħruġ f'Lulju

[6] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***
[7] Ara, per eżempju, PA GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***

tal-2013 – ma hix waħda li turi użu xieraq minn jedd ta' ħarsien. F'dan il-każ kien ikun jgħodd dak li din il-Qorti (diversament presjeduta) stabiliet meta qalet "*Il-Mandati kawtelatorji qegħdin hemm biex iservu ta' tarka għal min jippretendi li hu kreditur, pero', m'għandhomx jintużaw bl-addoċċ u lanqas m'għandhomx jintużaw bi skop li jweġġgħu jew ipattu, aktar milli jikkawtelaw. Anke jekk id-diversi Mandati li tipprovdi l-liġi jinħarġu kontestwalment, hu dmir tal-kreditur li jsegwi l-effetti tal-Mandati u jekk jara li ġie kawtelat aktar milli meħtieġ, hu stess għandu jieħu l-inizjativa biex jitlob it-tħassir ta' dawk il-Mandati 'żejda'*"[8];

Illi, madankollu, f'dan il-każ, l-eżekutanti ma waqfitx hemm, iżda wriet kif tabilħaqq waslet għal-likwidazzjoni tal-pretensjoni tagħha kontra n-nutar eżekutat. Għamlet dan billi qagħdet fuq pretensjonijiet li wlied it-testatur infushom qegħdin jagħmlu kontra tagħha u valutazzjonijiet magħmulin minnhom ukoll[9]: ma qabditx u fajret somom minn żniedha. Dawn huma pretensjonijiet li qegħdin isiru kontra l-eżekutanti f'kawża li diġa' miexja u m'humiex beżgħat jew suppożizzjonijiet improbabbli. Li l-eżekutanti tipprova tħares lilha nnifisha dwarhom bl-ebda mod ma jagħmel il-pretensjoni tagħha waħda mhux mistħoqqa, jew waħda li mad-daqqa t'għajn eċċessiva. Mela, meta wieħed iqis dawn iċ-ċirkostanzi kollha, wieħed jasal biex jara li l-ammont imsemmi fil-Mandat la huwa eċċessiv u lanqas inġustifikat;

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma ssibx li l-eżekutat taha raġuni tajba biex tordna t-tħassir tal-Mandat fuq din il-kawżali;

B) Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli [Art. 836(1)(f)]. Jidher li din il-kawżali tinbena wkoll fuq dak li ssemma qabel mill-eżekutat. Kemm hu hekk rabat il-waħda mal-oħra fil-premessi tar-rikors tiegħu;

Illi, tajjeb jew ħażin, minbarra dan biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal

[8] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[9] Ara Dokti "D" u "E", f'paġġ. 33 u 35 – 6 tal-atti

għall-fehma li l-eżekutant m'għandhiex jedd għall-ħlas tad-danni minnha pretiżi kontra l-eżekutat, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[10]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimati eżekutanti;

Illi jingħad ukoll li id-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[11]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;

Illi, kif ingħad qabel, intwera li dak li wassal lill-eżekutanti biex ħarġet it-tieni Mandat kien jiddependi fuq fatti (il-pretensjonijiet li saru kontra tagħha fil-kawża miftuħa mill-werrieta tat-testatur) li baqgħu ma nbidlux sallum, minkejja l-ħruġ tal-ewwel Mandat konta l-eżekutat;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrenti eżekutat seħħlu jagħti raġuni tajba għat-tħassir tal-Mandat lanqas fuq din il-kawżali;

Illi r-rikorrenti eżekutat jitlob ukoll ir-rimedju tal-kundanna tal-intimata eżekutanti għall-ħlas ta' penali[12]. Il-Qorti sejra issa tipprovdi dwar din it-talba;

Illi <u>dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali</u>, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni

---

[10] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

[11] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***

[12] Taħt l-art. 836(8)(d) tal-Kap 12

tagħha, tista’ taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta’ din, b’piena ta’ ħlas ta’ penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f’dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[13]. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista’ biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f’każijiet estremi fejn is-sens ta’ ġustizzja hekk kien jimponilha[14];

Illi l-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta’ ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta’ fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b’abbuż. F’dan il-każ, ir-rikorrenti eżekutat isemmi żewġ ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8) u jiġifieri li l-eżekutanti naqset turi li ċ-ċirkostanzi tad-debitur eżekutat ma jurux dubju raġonevoli ta’ stat ta’ likwidita’ jew dwar il-fakultajiet finanzjarji tagħhom [836(8)(ċ)]; u li l-Mandat inħareġ b’ħażen u b’mod fieragħ u abbużiv [836(8)(d)];

Illi dwar l-ewwel ċirkostanza, il-Qorti tqis li r-rikorrenti ma ressaq l-ebda provi jew argumenti li minnhom l-eżekutanti ntwera li messha ma kellhiex l-ebda dubju raġonevoli dwar il-likwidita’ tal-istess rikorrenti. Fir-rikors tiegħu[15], kulma jgħid hu li ċ-ċirkostanzi tiegħu “ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidita’ tiegħu”. Din id-dikjarazzjoni ma tiswiex ta’ prova ta’ dak li tgħid. Minbarra dan, minkejja li l-att promotur imressaq jindika li r-Rikors kien maħluf, dan m’huwiex il-każ, u mar-rikors ma kien hemm mehmuża l-ebda prova dokumentali li tissuffraga dik il-pretensjoni;

Illi għall-finijiet ta’ din il-kawżali, l-liġi trid mhux biss li l-parti li kontra tagħha jinħareġ il-Mandat turi li ċ-ċirkostanzi

[13] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***
[14] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***
[15] Ara Par. 21 f’paġ. 5 tal-atti

tagħha kienu hekk li ma jagħtux lok għal dubju raġonevoli dwar il-likwidita' tagħha u l-ħila tagħha finanzjarja li tħallas it-talbiet tal-kreditur, iżda trid turi wkoll li dik il-qagħda tagħha kienet magħrufa sew. L-atti tar-rikors ma juru li r-rikorrenti eżekutat għamel xejn minn dan kollu;

Illi dwar it-tieni ċirkostanza, ir-rikorrenti jibni din fuq l-allegazzjoni tal-ħażen u s-sens ta' vendikazzjoni u kattiverja min-naħa tal-intimata eżekutanti. Il-Qorti qieset li diġa' ntwera li ma jeżistux ir-raġunijiet għat-tħassir tal-Mandat u li l-intimata eżekutanti kellha raġunijiet tajbin biżżejjed biex titlob il-ħruġ tal-Mandat. Dan iġib l-effett li ma jistax jingħad li l-Mandat inħareġ b'ħażen, jew għal raġuni fiergħa jew inkella bil-ħsieb biss li ddejjaq lir-rikorrent eżekutat;

Illi l-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq, tasal għall-fehma li ma jirriżultawx iċ-ċirkostanzi għall-impożizzjoni tal-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[16]. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[17];

Illi fl-aħħarnett, ir-rikorrent eżekutat Vassallo Aġius qiegħed jitlob lill-Qorti biex, ladarba ma sabitx li hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar il-Mandat, torbot lill-eżekutanti bl-għoti ta' garanzija tajba għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Meta l-liġi tipprovdi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa ta' min ikun kiseb il-ħruġ favurih ta' Mandat kawtelatorju, min jagħmel it-talba għal garanzija bħal dik (il-persuna eżekutata li kontriha jkun inħareġ il-Mandat li jkun) irid juri tajjeb biżżejjed lill-Qorti li jkun hemm "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[18]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik

[16] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[17] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)
[18] Ara P.A. GC **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***

is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili[19];

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ[20], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni;

Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi iffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex tħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-Mandat[21]. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija m'hijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tibda proċeduri għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha;

Illi l-eżekutat ma semma l-ebda raġuni tajba biżżejjed biex twassal lil din il-Qorti tqis jekk għandhiex torbot lill-eżekutanti bl-għoti ta' garanzija kif irid l-imsemmi artikolu. F'dan ir-rigward, is-sottomissjonijiet tal-istess eżekutanti huma tajba u għaldaqstant, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru aktar qabel, il-Qorti ma ssibx li t-tielet talba tal-eżekutat hija waħda mistħoqqa u mhux ser tilqagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent eżekutat Nutar Joseph Vassallo Aġius billi:

**Tiċħad it-talbiet** kollha tiegħu, għaliex m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-**ispejjeż** kontra l-istess rikorrent eżekutat.

Mogħti kameralment illum, 19 ta' Settembru, 2013.

---

[19] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***
[20] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***
[21] P.A. GCD **12.8.2010** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Cachia vs Albert Bonniċi***

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------